**Emenda 94**
**Nuno Teixeira u oħrajn**

**Rapport** **A7-0080/2014**
**Theodoros Skylakakis**
Emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu
COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Dan ir-Regolament ma japplikax għal tariffi tat-trasport marittimu li jaqgħu taħt il-kabotaġġ tal-gżejjer skont l-obbligi tas-servizz pubbliku impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 (Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 1992 dwar il-liberalizzazzjoni tal-kabotaġġ marittimu u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tiegħu).*** |
| | ***Il-vjaġġi li jsiru minn vapuri żgħar tal-passiġġieri fil-qafas tal-kabotaġġ tal-gżejjer impost mill-obbligi tas-servizz pubbliku skont ir-Regolament (KEE) Nru 3577/92 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tal-impatti ekonomiċi u soċjali tat-trasport marittimu fir-reġjuni insulari, minħabba li dan hu wieħed mill-mezzi ewlenin ta' moviment tal-persuni u tal-prodotti, u għal kontinwità territorjali, dan ir-regolament għandu jeskludi l-kabotaġġ tal-gżejjer, kemm għall-prodotti u kemm għall-passiġġieri (ferry boat).*